MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 152/2005

**Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Paul TABONE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta' Frar, 2005 li bih il-kumpannija rikorrenti talbet:

Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Ċit. Nru 1055/96NA) ġiet deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Diċembru 1996, u fl-istess kawża l-konvenut kien ġie kkundannat iħallas il-Maltacom p.l.c. s-somma ta' Lm2391.64 (elfejn, tlett mija, wieħed u disgħin Liri Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 337265;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte

fuq indikati, oltre Lm291.67 (mitejn, wieħed u disgħin Liri Maltin u sebgħa u sittin ċenteżmu) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm1546.59 (elf, ħames mija, sitta u erbgħin Liri Maltin u disgħa u ħamsin ċenteżmu), imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sat-3 ta' Jannar 2005, u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm4229.90 (erbat elef, mitejn, disgħa u għoxrin Liri Maltin u disgħin ċenteżmi) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-Soċjeta' esponenti għandha nteress illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut;

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel referenza għall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u meta deher x'ħin issejjaħ ir-rikors stqarr it-talba tal-kumpannija rikorrenti;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk **tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti**.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------